# LECTIO DIVINA

# IS-XXVII ĦADD MATUL IS-SENA (A)

### Mt 21, 33-43

**F'dak iż-żmien Ġesù qal lill-qassisin il-kbar u lix-xjuħ tal-poplu: "Isimgħu parabbola oħra**

Ġesù jinsab Ġerusalemm. Titqawwa t-tensjoni mal-awtoritajiet reliġjużi. Wara t-tkeċċija tal-bejjiiegħa mit-Tempju, il-qassisin il-kbar u x-xjuħ jistaqsu lil Ġesù b'liema setgħa qed jagħmel dan. Frott dan id-djalogu, Ġesù jirrakkontalhom tliet parabboli: it-tixbiha taż-żewġ ulied (21, 28-32), din il-parabbola tal-bdiewa qattiela (21, 33-45), u dik tal-ikla tat-tieġ (22, 1-14). Dawn it-tliet parabboli għandhom l-istess *plot*: xi ħadd li jkun l-ewwel, jabbuża mid-don li ġie mogħti lilu u għalhekk din il-grazzja titteħidlu.

F'dan il-kuntest, il-qassisin u l-kbar tal-poplu jidhru bħala dawk li ikkapparraw ir-reliġjon Ġudajka għall-interessi tagħhom. Waqqfu sistema li huma fiċ-ċentru tagħha u jirreaġixxu bl-ikrah hekk kif iħossu li l-awtorità tagħhom qed tiġi sfidata minn Ġesù. It-tentazzjoni li jinqdew b'Alla biex jagħlfu l-*ego* tagħhom. Naturalment, Mattew ma' jirrakkuntax dan sempliċiment bħal fatt storiku, jew biex il-komunità sserraħ rasha li issa hi l-werrieta leġittima tas-Saltna. Pjuttost bil-kontra: l-evanġelista qed jagħmel eżortazzjoni kontra l-istess tentazzjonijiet fi ħdan il-Knisja.

**Kien hemm wieħed, sid ta' għalqa, u ħawwilha bid-dwieli; tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha u bnielha torri;**

Hawnhekk għandna riferenza xi ftit jew wisq ċara għat-tixbiha li jagħmel Isaija (*Is* 5, 1-7) li fiha Iżrael huwa mxebbaħ ma' dielja. Fiż-żewġ rakkonti toħroġ l-imħabba u d-dedikazzjoni tas-sid. Mhux biss iħawwel id-dwieli imma jipprovdilhom l-aħjar kuntest fejn jistgħu jikbru u fejn il-frott tagħhom jinġabar kollu. Din l-imħabba kreattiva tfakkar lill-poplu Lhudi fl-azzjoni ta' Alla li biha ħalaq kollox: kontinwament jara li kollox hu sew u ma jiqafx qabel ma jara li kollox huwa sewwa ħafna (*Ġen* 1, 31)

**u qabbilha lil xi bdiewa. U siefer f'art oħra.**

Madanakollu fir-rakkont ta' Ġesù hemm xi differenzi importanti minn Isaija. It-tema m'għadhiex iktar ir-relazzjoni diretta tas-sid mad-dielja, imma mal-bdiewa li ġew inkarigati li jieħdu ħsiebha. Barra minn hekk, is-sid se jsiefer, element preżenti f'parabboli oħra (eż., *Mt* 25,1-13; 14-30; *Lq* 12,35-48) u allura mhix se tkun iktar taħt il-kontrol dirett tiegħu. Minkejja li s-sid jiddedika ħafna enerġija fl-għalqa tad-dwieli, ma jorbothiex miegħu biss imma jagħraf jafdaha f'idejn ħaddieħor. Huwa dak li ġara fil-ħolqien (cfr. *Ġen* 1,28-30) meta Alla jafda l-ħolqien f'idejn il-bniedem, u dak li se jiġri wara l-qawmien (*Mt* 28,18-20). Il-bidwi huwa msejjaħ biex jirrifletti dwar id-dinjità kbira li ngħatatlu: mhux biss li jkollu xogħol – imma li jkollu sehem dirett fl-inizjattiva ta' sid hekk qalbu kbira, u fl-istess ħin jagħmel hekk hu wkoll.

**Meta wasal żmien il-frott, bagħat il-qaddejja tiegħu għand dawk il-bdiewa biex jiġbrulu l-frott li kien imissu.**

Żmien il-frott huwa ippreżentat bħala *kairos* – iż-żmien mill-ottika ta' Alla. Il-frott ma jiġix mill-proċess naturali u l-ħidma tal-bdiewa imma qabel kollox huwa grazzja minn Alla. Il-fatt li s-sid jibgħat il-qaddejja jiġbrulu l-frott m'għandux ikun ta' theddida għall-ħaddiema imma huwa grazzja anki għalihom. L-ewwelnett is-sid ma jitlobx kollox imma biss "il-frott li kien imissu". Il-ġenerożità tas-sid tidher b'mod partikulari f'dak li se jibqa' għall-bdiewa: "Din hi l-glorja ta' missieri, li intom tagħmlu ħafna frott" (*Ġw* 15,8). Il-bidwi huwa msejjaħ jagħraf il-frott li għandu u li ngħatalu. It-tieni, li s-sid jitlob sehmu, rendikont, tgħin lill-bidwi biex ma jabbużax, ma jaħtafx dak li hu ta' ħaddieħor, u jieqaf lit-tentazzjoni kontinwa li jaħseb li s-sid huwa hu.

**Iżda l-bdiewa qabdu lill-qaddejja, u lil wieħed sawtuh, lil ieħor qatluh, u lil ieħor ħaġġruh. Reġa' bagħtilhom qaddejja oħra, aktar minn qabel, u għamlulhom l-istess.**

Jibdew sensiela ta' atti irrazzjonali min-naħa tal-bdiewa. Huwa partikularment qawwi l-fatt donnhom mhux biss iridu jisirqu lis-sid iżda fuq kollox jisfidawh u jweġġgħuh b'atti gravi (li tmidd idejk fuq ambaxxatur hija ikkunsidrata bħala waħda mill-agħar skorrettezzi) li jiġru iktar minn darba. Id-dinamika tal-pussess, u l-illużjonijiet faċli li jiġu mill-poter joħorġu għad-dawl fid-determinazzjoni li ma jħallu lil ħadd iktar jintervjeni u jirreġixxu bl-ikrah kontra min sempliċiment ifakkarhom li hemmhekk mhux tagħhom.

**Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu. "Minn ibni jistħu," qal.**

Minn hawn il-parabbola tibda toqrob dejjem iktar għas-sitwazzjoni li kienu qed jgħixu Ġesù u l-avversarji tiegħu. Ir-raġunament tas-sid huwa rappreżentazzjoni mill-isbaħ tal-Inkarnazzjoni.

Jaffronta l-arroganza tal-bdiewa billi jibgħat lil ibnu stess, biex jekk joqogħdu għalih hu jkun lest jinsa l-offiżi gravi li għamlu qabel u l-ħaġa tieqaf hemm. (cfr., *Ġw* 3,17) Biex jagħti ċans ieħor lill-bdiewa li diġa wrew ruħhom ingrati u qattiela, lest iqiegħed fil-periklu lil ibnu stess u jibgħatu f'sitwazzjoni ta' riskju kbir.

**Iżda kif raw lil ibnu l-bdiewa bdew jgħidu bejniethom: "Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu niħduh aħna". Qabduh, xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh.**
Ikomplu jikbru l-allużjonijiet għall-mewt ta' Ġesù. Imma għandna għal darb'oħra referenza għall-ħsibijiet bla raġuni tal-bdiewa li – anki jekk jafu li s-sid għadu ħaj – jikkonkludu li xħin joqtlu lil ibnu l-wirt tiegħu se jeħduh huma. L-għama tal-poter u s-sodisfazzjon tal-istint tad-dominazzjoni u l-vjolenza jaħkmu kull ħsieb u kull għemil tagħhom.

**Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?" Qalulu: "Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu."**
F'daqqa waħda ninnutaw li r-rakkont jieqaf hawn u m'għandniex iktar informazzjoni dwar x'għamel is-sid, imma biss immaġinazzjoni ta' x'jistgħu ikunu l-konsegwenzi fil-futur (traduzzjoni aħjar tal-verb tista' tkun "x'se jagħmlilhom"). Donnu li l-ġudizzju tas-sid qiegħed *on hold* u għadu se jiġi implementat "meta jiġi". Insibu l-użu tal-ironija narrativa fit-tweġiba tal-qassisin il-kbar u x-xjuħ: mill-mod kif jwieġbu għall-mistoqsija mingħalihom li qed jitkellmu dwar ħaddieħor, imma ftit wara joħroġ ċar li m'hu qed jiġġudikaw lil ħadd għajr lilhom infushom. Dan jiġri drabi oħra (eż., *2 Sam* 12, 1-7, *Mt* 23, 29-32) fejn min jikkundanna bla ħniena lill-ieħor jsib li dak il-ħażen jinsab ġewwa fih. Il-faċilità fil-ġudizzju u fil-kundanni hija propju xhieda oħra tal-taħsir morali u spiritwali ta' dawn in-nies.

**Qalilhom Ġesù: "Qatt ma qrajtu fl-Iskritura li: 'Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka; bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna?"**
Kwotazzjoni diretta minn *Salm* 118, 22-23, silta fundamentali għall-Knisja tal-bidu biex tinterpreta t-tbatija u l-mewt ta' Ġesù (hemm riferenza għaliha 5 darbiet fil-ĠT). Ix-xbieha tal-ġebla torbot ma' interpretazzjoni preżenti fi żmien Ġesù: fit-traduzzjoni bl-aramajk tas-salmi l-kelma ebrajka *'eben* (ġebla) tiġi mibdul fil-kelma aramajka *ben* (iben) u l-frażi ssir "l-iben imwarrab". Ir-riferiment huwa għall-istorja ta' David, imma dan hu kuntest li Ġesù japplika għalih innifsu. L-esperjenza tal-"iben imwarrab", b'mod partikulari r-relazzjoni awtentika ma' Alla waqt il-mument tat-tbatija ("bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan"), hija l-antiteżi tar-reliġjożità awto-referenzjali tal-kapijiet reliġjużi tal-poplu Lhudi.

**Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel frott minnha".**

"*This conclusion is milder than the parable; the wicked tentants are not destroyed, but the promise is taken from them"*. (*NJBC*, 665). L-għalqa tittieħed mingħand il-bdiewa imma Ġesù ma jitkellimx mill-vendetta, bħalma kienu issupponew il-qassisin u x-xjuħ. Is-Saltna nfetħet għal ħaddieħor, imma huma għadhom biċ-ċans li jindmu u jilqgħuha mill-ġdid.